

IT-TRIBUNAL GHAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Rikors ippreżentat fl-20 ta' Lulju 2015 – ZZ u ZZ vs CEPOL

(Kawża F-105/15)

(2015/C 320/73)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: ZZ u ZZ (rappreżentanti: L. Levi u A. Blot, avukati)

Konvenut: CEPOL (Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija)

Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima

L-annullament tad-deċiżjonijiet tal-CEPOL li bihom aċċetta r-riżenja taż-żewġ rikorrenti wara r-rifjut tagħhom li jaħdmu fis-sede l-ġdida tal-aġenzija, f'Budapest (l-Ungerija), u talba għall-kumpens għad-danni materjali u morali allegati mir-rikorrenti.

Talbiet

- tannulla d-deċiżjonijiet tal-CEPOL tat-22 ta' Diċembru 2014 li bihom dan "aċċetta" r-riżenja taż-żewġ rikorrenti;
- sa fejn ikun neċessarju, tannulla d-deċiżjonijiet tal-CEPOL tal-10 ta' April 2015 li jiċħdu l-ilmenti mressqa mir-rikorrenti bejn it-13 ta' Jannar u s-17 ta' Frar 2015 kontra d-deċiżjonijiet imsemmija iktar 'il fuq;
- tordna l-kumpens għad-dannu materjali subit mir-rikorrenti;
- tordna l-kumpens għad-dannu morali subit mir-rikorrenti;
- tikkundanna lil-CEPOL għall-ispejjeż esposti mir-rikorrenti fil-kuntest ta' dan ir-rikors.

Rikors ippreżentat fit-23 ta' Lulju 2015 – ZZ vs KESE

(Kawża F-107/15)

(2015/C 320/74)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: M.-A. Lucas, avukat)

Konvenut: KESE (Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew)